*affogare*). Billi fil-Malti, bħalma madankollu nsibu wkoll fil-Għarbi Volgari, il-forma passiva iktarx titfisser bil-forom tal-verbi mnisslin u bl-awżiljarji *kien* u *ġie*, u mhux bil-proċess vokaliku, il-vokalizzazzjoni *o-o* f'verbi *neutri* jew intransitivi qajla tingħażel fit-taħdit, u, għalhekk ukoll, fil-kitba. Fit-tieni edizzjoni bi ħsiebni, għalhekk, innaqqas minn dawk l-eżempji li fuqhom jista' jkun hemm dubju jekk il-vokalizzazzjoni hi iktarx taħsir ta' pronunzja jew tidkir ta' konsonanti gutturali milli fdal ta' forma passiva, li fil-Malti, tidher li għoddha ntilfet għal kollox.

A. Cremona.

# F'Waqtiet Filgħaxija

*Lis-Sur F. S. Caruana, Segretarju*
*tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.*

Kull mita filgħaxija,
F'inżul ix-xemx dawlija,
Lejn ix-xefaq ħamrani
Għajjien jew kiebi nħares
Mit-tieqa jew bejt tagħna,
Jew minn x'imkien fil-beraħ
Fejn inkun ħriġt għal dawra,
U nitgħaxxaq b'dik il-fawra
Ta' qabel l-inżul:
Imbagħad leħen ta' qanpiena
Jikser il-ħemda ta' l-irħula,
Jien f'daqqa nintebaħ
Wara telfa ta' ħsebijiet...
Li x-xemx niżlet
U ngħid, b'ħasra wkoll ġo fija:
Il-jum għadda! l-Ave Marija!

Marju Agius.

Villa Lija.

# Taħdita bejn tnejn fejn jitkellem wieħed

—X'għandna Bert? Tidher tajjeb ħafna.

—Int u...

—Iva, tassew, minn wiċċi jien ukoll nidher f'saħħti, iżda mhux hekk. Il-għaliex għandek tkun taf illi ili xi ġimgħa ma niflaħ xejn u għalhekk krejt fil-kampanja...

—Jien...

—Skużi. Iva, kont qed ngħidlek li biex nixrob daqsxejn ta' arja safja krejt daqsxejn ta' post qalb ir-raba'...

—U...

—Le, mhux kbir: għorfa fuq u mandra taħt, xi erbat ixbar ħamrija fejn ħawwilt xi erba' siġriet u xi ftit ħxejjex. Qed inrabbi xi erba' tiġiġiet u ftit ħamiem. Xi erba' fniek għandi wkoll...

—J...

—Isbaħ din, mita jogħġbok ejja, kull ħin u kull waqt, biss mhux għal issa, ħalli nqiegħed kollox floku...

—! ! !

—Waru x-xogħol, fil-għaxija nitlaqlek bil-qajl il-qajl lejn ir-raħal u hemm inqattagħlek xi erba' sigħat fis-skiet u l-hena.

—Għ...

—Stenna... Ħalli ngħidlek jien, għax m'għandix żmien biżżejjed. U taħsibx li jien marbut li għandi mmur tabilfors kuljum. Il-għaliex għandek tkun taf li mita ma nistax immur ftehimt ma' ġara biex teħodli ħsieb hija tagħlef it-tajr u l-fniek u tagħti l-ilma u l-ikel lill-qattus u lill-kelb. Iva, għax għandek tkun taf illi jien hemm ħallejt kelb u qattus; dan għall-ġrieden u l-ieħor għall-bnedmin. Żewġ għases eh? x'jidhirlek?

—.....

—Tgħidli xejn, jien naf nagħmilhom sewwa l-affarijiet.

—! ! !

—Qed tistagħġeb hux kif jien dejjem mitfugħ lejn l-ibliet ħabta u sabta sirt raħli! Ehh, iż-żmenijiet jitbiddlu. U jekk tistaqsini nafdahiex lil dik il-ġara...

—...

—Jien malajr inwieġbek li m'hemm aħjar minnha, nafha sewwa, għalkemm milix wisq. Iżda l-bniedem m'hemmx għalfejn tagħmilha wisq miegħu biex tkun tafu. Biżżejjed kelma, daqqa ta' għajn.

—Iva in...

—Hekk hu, iva, naf li inti f'kollox taqbel miegħi u kull ma ngħid jien iva huwa iva għalik u kull ma ngħid le huwa